II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/166

tat-8 ta' Frar 2022

dwar il-kanċellament tar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Holsteiner Karpfen" (PGI)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 54(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 ([2]) jipprevedi li l-proċedura stabbilita fl-Artikoli 49 sa 52 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tapplika *mutatis mutandis* għall-kanċellament ta' reġistrazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 54(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) L-applikazzjoni li bagħtet il-Ġermanja biex tikkanċella r-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) "Holsteiner Karpfen" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 flimkien mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 664/2014 ([3]).

(3) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-isem "Holsteiner Karpfen" (IĠP) jiġi kkanċellat mir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti.

(4) Skont l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, tali kanċellament jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 57(2) ta' dak ir-Regolament.

(5) Il-miżura prevista f'dan ir-Regolament hija skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Politika dwar il-Kwalità tal-Prodotti Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-reġistrazzjoni tal-isem "Holsteiner Karpfen" (IĠP) hija b'dan ikkanċellata.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 tat-18 ta' Diċembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-istabbiliment ta' simboli tal-Unjoni għal denominazzjonijiet protetti tal-oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u fir-rigward ta' ċerti regoli dwar il-ksib, ċerti regoli proċedurali u ċerti regoli tranżitorji oħrajn (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 17).

([3]) ĠU C 313, 5.8.2021, p. 16.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Frar 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN